**3 ta' Frar, 1995**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent Degaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Rose Jane Zammit

**Eżami ta' l-Imputat - Ċitazzjoni - Att ta' Akkuża - Offiża ta' Natura Ħafifa**

*Fil-każ ta' kumpilazzjoni, jekk, waqt l-eżami tal-Qorti, l-imputat jagħti isem jew kunjom li jirriżulta li jkun żbaljat, ma jistax wara jikkapitalizza fuq dak l-iżball biex jevadi l-ġustizzja.*

*L-artikolu 598 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li kull żball fl-isem ta' l-akkużat jew fil-partikolaritajiet l-oħra tiegħu fl-att ta' akkuża ppreżentat quddiem il-Qorti Kriminali, jista', bil-permess tal-Qorti, jiġi kkoreġut; la dan huwa possibbli fil-każ ta' dokument solenni bħalma huwa l-att ta' akkuża hija konsegwenza loġika li dan jista' jsir fil-każ ta' ċitazzjoni jew tal-preżentata f'kawżi quddiem il-Qrati Inferjuri.*

*Ir-reat ta' offiża ħafifa, anke meta tkun ta' importanza żgħira fit-termini ta' l-artikolu 221(3)(a) tal-Kodiċi Kriminali, jibqa' dejjem delitt, għalkemm punibbli bil-pieni tal-kontravvenzjonijiet u għalhekk suġġett għall-preskrizzjoni ta' sentejn.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba permezz ta' att ta' ċitazzjoni kontra Rose Jane Zammit talli f'Buġibba fit-13 ta' Novembru, 1993 għall-ħabta tal-11.00 a.m. volontarjament kisret il-buon ordni u l-kwiet tal-pubbliku b'għajat u bil-ġlied u barra minn hekk heddet, immalafamat bil-kliem u sawtet lil Charmaine Formosa u kkaġunatilha ferita ta' natura ħafifa skond kif iċċertifikat verbalment mit-tabib Stephen Agius M.D.;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tad-29 ta' Lulju, 1994 li biha dik il-Qorti ddikjarat l-azzjoni preskritta u

konsegwentement ma komplietx tieħu konjizzjoni ta' l-istess azzjoni;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Ġenerali minnu pprezentat fit-12 ta' Awissu, 1994 li bih talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza u li konsegwentement din il-Qorti tgħaddi biex tiddeċidi l-każ prevja smigħ tal-provi skond il-liġi;

Rat l-atti kollha tal-kawża; semgħet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Illi qabel xejn ser tiġi eżaminata l-kwistjoni marbuta mal-kunjom ta' l-appellata. Permezz ta' nota ddatata *28 ta' Ottubru, 1994* l-appellata eċċepiet in-nullita' ta' l-appell stante li dan ġie ntavolat f'isimha, jew aħjar, f'kunjomha miżżewġa (Zammit) meta hi fil-fatt irrivertiet għal kunjomha xebba (Farrugia). Fl-imsemmija nota l-appellata ddikjarat li qiegħda taċċetta l-avviż tas-smigħ ta' l-appell interament bla preġudizzju għal "kwalunkwe difiża relatata mal-fatt li hija Rose Jane Farrugia u mhux Rose Jane Zammit". Hi allegat li f'Diċembru ta' l-1993 - jiġifieri wara l-allegati reati lilha addebitati iżda qabel ma nħarġet iċ-ċitazzjoni tal-Pulizija Esekuttiva f'Jannar ta' l-1994 - hi rrivertiet għal kunjomha xebba. Mhux ċar minn din in-nota jekk dan sarx b'riżultat ta' dak ipprovdut fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 89 ta' l-Att ta' l-1993 *li jemenda l-Kodiċi Ċivili* (Emenda numru 2) (Att XXI/93) jew inkella in forza ta' l-artikoli 62 u 62A tal-Kodiċi Ċivili, pero' din il-Qorti tara li dana mhux tant importanti għall-fini tar-risoluzzjoni tal-vertenza odjerna. In-nota msemmija tkompli hekk:

"Illi hi qatt ma ssottomettiet għall-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali preċiżament

fuq dan il-punt fejn kien deher l-avukat sottoskritt u ssottometta li l-preskrizzjoni kienet kwistjoni li l-Qorti għandha ttella' (**sic**) *ex officio* u l-avukat sottoskritt għamel hekk biex tiġi evitata l-kwistjoni tal-kunjom";

Issa, mill-verbal tas-seduta tad-29 ta' Lulju, 1994 a fol. 3 ta' l-atti, ma jirriżultax li l-appellata, allura imputata, dehret il-Qorti (għalkemm għandu jingħad li anqas jirriżulta li ssejħet il-kawża jew li deher l-avukat difensur tagħha - mankanzi dawn fil-*prime note* u fil-verbali tal-Qrati Inferjuri li din il-Qorti ilha tilmenta ħafna minnhom); iżda fis-seduta tas-27 ta' Jannar, 1995 quddiem din il-Qorti id-difensur ta' l-appellata, fil-presenza ta' l-istess appellata, iddikjara li fis-seduta tad-29 ta' Lulju, 1994 quddiem il-Qorti Inferjuri l-appellata, allura imputata, kient dehret, fis-sens li kienet preżenti fl-awla meta ġiet ventilata l-kwistjoni tal-preskrizzjoni mid-difensur tagħha u dik il-Qorti lliberata proprju billi ddeċidiet li l-azzjoni kienet preskritta. Dan ifisser li l-imputata kienet taf li kienet hija li kienet qed tiġi imputata bil-fatti msemmija fiċ-ċitazzjoni, wieġbet għas-sejħa tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u permezz tad-difensur tagħha, għamlet ukoll sottomissjonijiet dwar il-preskrizzjoni. Dan ifisser ukoll li m'hemmx dubbju li s-sentenza liberatorja tad-29 ta' Lulju, 1994 ingħatat fil-konfront ta' l-appellata odjerna, li pero` llum, u possibilment anke qabel dik is-sentenza, biddlet kunjomha, minn Zammit għal Farrugia, kif ġa` ngħad. Din il-Qorti ħasbet fit-tul dwar il-konsegwenzi li jistgħu jsegwu minn sitwazzjoni bħal dik hawn fuq deskritta, ċjoe` meta mara miżżewġa tirriverti għal kunjomha xebba anke qabel ma tinħareġ iċ-ċitazzjoni kontra tagħha u waslet għall-konklużjoni li f'dan il-każ m'hemm ebda nullita` la tas-sentenza u anqas tar-rikors ta' appell ta' l-Avukat Ġenerali u dan għar-raġunijiet segwenti:

Kieku dan kien każ ta' kumpilazzjoni - li allura kien ifisser imputazzjoni ta' reati ferm aktar serji minn dawk addebitati lill-appellata odjerna - il-Qorti Istruttorja kienet tistaqsi lill-imputata isimha u kunjomha, l-eta` tagħha, il-post fejn twieldet u fejn toqgħod, is-sengħa, professjoni jew stat ieħor tagħha, isem u kunjom missierha u jekk dan missierha hux ħaj jew mejjet (artikolu 392(1)(a) tal-Kap. 9). Fil-prassi kemm tal-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll ta' din il-Qorti, meta persuna tagħti f'dan il-każ isem jew kunjom li jirriżulta li jkun żbaljat, ma tistax wara tikkapitalizza fuq dak l-iżball biex tevadi l-ġustizzja (ara f'dan is-sens **Il-Pulizija *vs* Charlie Zammit**, App. Krim. 30/11/90 u **Il-Pulizija *vs* Karl Muscat u Derrick Burdett**, App. Krim. 28/5/93). Din il-Qorti b'ebda mod m'hi tgħid li l-appellata ppruvat tidħaq jew tiżvija lill-ewwel Qorti jew lil din il-Qorti; anzi din il-Qorti tapprezza li l-appellata, fl-istadju ta' appell, iddikjarat li hi kienet fil-fatt dehret fis-seduta tad-29 ta' Lulju, 1994; dak li qed tgħid din il-Qorti hu li jirriżulta li l-appellata qagħdet, ċjoe` ssokkombiet u wieġbet għall-isem jew aħjar kunjom "Zammit" (il-kunjom tagħha miżżewġa) u dan jekwivali fil-fehma tal-Qorti għal dikjarazzjoni quddiem l-ewwel Qorti li hi kunjomha Zammit;

L-artikolu 598 tal-Kodiċi Kriminali, li jirreferi għall-att ta' akkuża ppreżentat quddiem il-Qorti Kriminali, jipprovdi li kull żball fl-isem ta' l-akkużat jew fil-partikolaritajiet l-oħra tiegħu jista', bil-permess tal-Qorti, jiġi kkoreġut. L-istess artikolu jkompli jgħid li jekk l-akkużat ma jagħtix eċċezzjoni fuq dan l-iżball qabel ma huwa jwieġeb jekk hux ħati jew le fuq l-akkuża, il-kawża tibqa' għaddejja bħallikieku l-isem u l-partikolaritajiet imniżżlin fl-att ta' l-akkuża kienu tassew dawk ta' l-akkużat, b'dan pero`, li l-Qorti tista' f'kull att ta' wara (*at any subsequent stage*) iżżid il-veru isem jew il-partikolaritajiet veri. Jekk dana huwa possibbbli fil-każ ta' dokument

solenni bħalma huwa l-att ta' akkuża, din il-Qorti ma tarax għala dan ma jistax isir fil-każ ta' ċitazzjoni jew tal-preżentata f'kawżi qudiem il-Qrati Inferjuri. U fil-fatt il-prassi hi li tali korrezzjonijiet isiru mingħajr il-ħtieġa li l-imputat, ġaladarba jkun deher quddiem l-ewwel Qorti, jerġa' jiġi nnotifikat mill-ġdid biċ-ċitazzjoni kif korretta. Kif ġie ritenut minn din il-Qorti (diversament ippresjeduta) fis-sentenza tas-6 ta' Mejju, 1993 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulzijia** ***vs*** **Paul Wilkinson u Ernest Sullivan** (finalment deċiża fit-2 ta' Mejju, 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija** ***vs*** **Paul Wilkinson u Ernest Ellul Sullivan**) "Żball fil-kunjom jew fl-isem ta' l-imputat, fih innifsu, ma jwassalx għal-liberazzjoni ta' l-imputat. Talvolta jista' jwassal għall-kwistjoni jekk sentenza kontra l-imputat b'kunjom żbaljat tkunx esegwibbli". Fil-każ odjern m'hemm ebda kwistjoni dwar l-esegwibilita` tas-sentenza appellata stante li din kienet waħda liberatorja u fi kwalunkwe każ, il-Qorti diġa` fissret li l-appellata quddiem l-ewwel Qorti qagħdet għall-kunjom "Zammit";

L-artikolu 360(1) tal-Kap. 9 jgħid li ċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka (*shall contain a clear designation of the person summoned*, fit-test Ingliż). Fil-każ odjern l-imputata ġiet indikata mhux biss b'isimha u kunjomha kif jidher li kien fil-mument ta' l-allegat reat iżda wkoll bl-eta` tagħha, isem żewġha, isem u missier ommha, kunjom xbubit ommha, il-post fejn twieldet, ir-residenza tagħha u n-numru tal-karta ta' l-identita` tagħha. Għalhekk f'dan il-każ ma jistax ikun hemm l-iċken dubbju dwar l-identita` tal-persuna lliberata mill-ewwel Qorti u li llum tiffigura bħala l-appellata f'dan il-każ;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qed tirrespinġi l-preġudizzjali tan-nullita` ta' l-appell ta' l-Avukat Ġenerali;

L-Avukat Ġenerali qed jappella peress li skond hu l-akkuża ta' feriti ta' natura ħafifa mhix preskritta. Fuq dan għandu raġun. Ir-reat ta' offiża ħafifa, anke meta tkun ta' importanza żgħira fit-termini tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 221 tal-Kodiċi Kriminali, jibqa' dejjem delitt, għalkemm punibbli bil-pieni tal-kontravvenzjonijiet u għalhekk suġġett għall-preskrizzjoni ta' sentejn (artikolu 688(c), Kap. 9);

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tordna l-prosegwiment tal-kawża quddiemha stess fis-seduta tal-Ġimgħa, 7 ta' April, 1995, *limitatament* għall-imputazzjoni ta' feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Chairmaine Formosa, f'liema seduta l-partijiet għandhom iressqu l-provi *kollha* tagħhom dwar din l-imputazzjoni kif ukoll kwalsiasi provi dwar xi tibdil fl-isem ta' l-appellata.